

Brussell, 12 ta' Settembru 2022
(OR. en)

11949/22

CO EUR-PREP 20

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 u 21 ta' Ottubru 2022) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preżidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi tagħha.

II. ENERĠIJA

Il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta s-sitwazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista, il-miżuri ta' ottimizzazzjoni tas-suq u l-progress fit-tnaqqis tad-domanda, u ser jiddeċiedi dwar kwalunkwe azzjoni ulterjuri li jeħtieġ tittieħed.

III. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza s-sitwazzjoni ekonomika.

IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja. Ser iħejji s-summit UE-ASEAN li ser isir fl-14 ta' Diċembru 2022 u ser ikollu diskussjoni strateġika dwar iċ-Ċina.

Il-Kunsill Ewropew ser jieħu kont tat-tħejjijiet għall-konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Sharm El-Sheikh (COP27) u għall-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (it-Tieni Parti) f'Montreal.

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi oħra ta' politika barranija.